# MALTA

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016

Talba Numru: 64/2016AM3

Numru fuq il-Lista: 51

**Vodafone Malta Limited (C10865)**
**Skyparks Business Centre,**
**Malta International Airport,**
**Luqa**

**Vs**

**Aldo Buttigieg (K.I. 191282M)**
**11, Edevville, Gnien ta' Nigra,**
**Il-Bahrija**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici prezentata fil-25 ta' Frar, 2016 li permezz taghha talab lil-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' elf, tlett mija u tlettax-il ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,313.22c) liema somma tirrapprezenta l-ammont dovut lis-

Socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi tat-tariffa 'Voda Red Basic Con World' referibbli ghal kont numru 1.10963402.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li l-ammont pretiz, mhux dovut fl-intier u dan stante li l-konsum maghmul mill-esponenti sar fuq struzzjonijiet li nghataw mir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici u li wara rrizultaw li kienu kompletament skoretti u zbaljati u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-provi; u illi ghalhekk ir-rabta kontrattwali bejn il-partijiet hija affetta minn zball ta' fatt kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-provi.

Ra l-affidavit ta' Dr Jeremy Debono in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici u d-dokumenti esebiti mis-Socjeta' attrici.

Ra x-xhieda a fol 18 et ta' Connie Stoyanova, Credit Controller mas-Socjeta' attrici u prezentat il-kuntratt li l-konvenut kien iffirma mas-Socjeta' attrici fit-03 ta' April, 2013. Hija spjegat li s-Socjeta' attrici ghandha offerta tat-'Traveller' li toffri ghal min ikun ser isiefer barra rati specjali ghal min jaghmel uzu tal-mobile tieghu meta jkun imsiefer pero` din ma tapplikax ghal pajjizi kollha fosthom gewwa l-Afrika. Hija spjegat li mis-somma globali mitluba madwar sitt mija u disa' ewro u zewg centezmi (€609.02c) minnhom huma relatati ma' usage fl-Afrika filwaqt li l-bqija huma relatati ma' usage f'pajjizi ohra li ghalihom jista jkun li kien japplika it-'Traveller Plan'. Fit-08 ta' Jannar, 2015 il-konvenut jidher li ghamel l-ahhar uzu minn din it-'Traveller Plan'.

Hija spjegat li imbilli persuna jkun fuq it-'Traveller Plan' dan ma jfissirx li jista jcempel kemm irid minn go pajjizi li fihom japplika dan il-'Plan'. It-'Traveller Plan' ghandu l-limiti tieghu u kif dawn jinqabzu l-klijent jibda jhallas ir-rati kif stabiliti fil-kuntratt li hu stess ikun iffirma.

A fol 51 xehed Richard Padovani, Direttur tas-Socjeta' Credit Mediation Services Limited li l-kaz tal-konvenut dahal ghandhom f'Marzu, 2015 u meta kkuntattja lil konvenut huwa spjegalhom li kien cempel lil Customer Care tas-Socjeta' attrici u tawh informazzjoni zbaljata fuq it-'Traveller Plan' u minkejja li spjegali li ma jezistux rati specjali fuq din il-Plan u li kellu ammonti ohra li ma kellhom x'jaqzmu xejn mat-

telefonati li saru mill-Afrika huwa baqa' jinsisti li mhux ser ihallas u li jekk iridu jtellghu l-Qorti.

Ra x-xhieda tal-konvenut u d-dikjarazzjoni tieghu fis-seduta tas-07 ta' Ottubru, 2016 li fiha ddikjara li ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erba' ewro u ghoxrin centezmu (€704.80c) u spjega fix-xhieda tieghu a fol 13 et li huwa mhux jaqbel fuq r-roaming tal-Afrika ghax kien qieghed it-Tanzania erba' xhur fuq xoghol volunteer u l-Vodafone kellhom pjan li meta tkun barra minn Malta taghfas code u l-calls jigu vera irhas. Spjega li per ezempju ta' five euro (€5) kull ghaxar minuri. Ghalih kien minghalih qed jahli l-hin li kellu akkumulat. Xehed li qabel siefer kien cempel Customer Care u staqsihom dwar roaming partikolarment fit-Tanzania l-Afrika u tawh prezz ghall-Afrika li kien ta' xi four xi haga ewro kull ghaxar minuri. Izda meta rcieva l-kont u rega mar ghand tal-Vodfone, dawn qalulu li tali skema ma tezistix.

L-attur kompla jispjega li ghalih z-zewg ammonti ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro u disgha u tletin centezmu (€325.39c) u mitejn u tlieta u tmenin ewro u tlieta u sittin centezmu (€283.63c) mhux dovuti.

In kontro-ezami l-attur rega kkonferma li tal-Vodafone kienu qalulu li l-istess rati li japplikaw ghal 'Traveller' fl-Ewropa jistghu japplikaw ukoll fl-Afrika u rega rriafferma li mill-put going calls li ghamel mill-Afrika huwa ma ghandu jhallas xejn. Huwa kkonferma li kellu r-red plan u li kien iffirma kuntratt li jinsab a fol 20 et. Fuq mistoqsija tat-Tribunal dwar dan il-kuntratt il-konvenut xehed li huwa qatt ma mar joqghod jiccekja fid-dokumenti u fuq il-kuntratt li kien iffirma u kien ghalhekk li cempel lil Customer Care biex jaghtih l-update tar-rati ta' dak iz-zmien .

Ra l-verbal tas-seduta tas-07 ta' Ottubru, 2015 li permezz taghha l-partijiet ddikjaraw li ghalqu l-provi u talbu li jaghmlu noti.

Ikkunsidra,

Din hija talba ghal hlas ta' elf tlett mija u tlettax-il ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,313.22c) li minnha l-attur ddikjara li lest li jhallas minnha s-somma ta' seba' mija u

erba' ewro u ghoxrin centezmu (€704.20c) u ghalhekk il-bilanc kontestat huwa dak ta' sitt mija u disa' ewro u zewg centzmi (€609.02c) relatati ma' usage fl-Afrika.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien imsiefer it-Tanzania u l-kuntratt li kellu mas-Socjeta' attrici kien jintitolah ghal rati specjali f'dik li tissejjha t-'Traveller's Plan' izda tali tariffi ma kienux japplikaw ghat-Tanzanija. Il-kuntratt li kien iffirma l-konvenut mas-Socjeta' attrici huwa jammetti li qatt ma qrah u li kien diga t-Tanzania meta cempel lil Customer Care tas-Socjeta' attrici biex jiccekja dwar jekk ghandux tariffi specjali ghall-Afrika. Il-kuntratt li ffirma l-konvenut mas-Socjeta' attrici jikkollabora dak li qed tikkontendi s-Socjeta' attrici.

Dan it-Tribunal isibha ferm difficli jemmen il-verzjoni tal-konvenut aktar u aktar meta lanqas dak l-ammont li ma kkontestax dwaru ghadu sal-lum ma hallasx u li kien lest imur il-Qorti milli jhallas dak li ghalih huwa dovut u meta baqa` ma indenjax ruhu jiccekja dak li intrabat ghalih meta ffirma l-kuntratt mas-Socjeta' attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba tas-Socjeta' attrici, u jordna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u tlettax-il ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€1,313.27c) bl-imghax kwantu ghas-somma ta' seba' mija u erba' ewro u ghoxrin centezmu (€704.20c) mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effett u l-imghax dwar il-bilanc jibda jghodd mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**